*Ħaż-Żebbug - Citta' Rohan*

*KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ*

**LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 13– 21 ta’ Frar 2025**

***Minuti tat-tlettax-il laqgħa tal-Kunsill tad-disa’ Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta’ Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar il-21 ta’ Frar 2025 fis-6:30pm.***

Il-Kunsill Lokali ta’ Ħaż-Żebbuġ iltaqa’ l-Kunsill Lokali fis-sitta u nofs ta’ filgħaxija sabiex tkun diskussa Aġenda Numru 13. Il-laqgħa bdiet fis-6:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Steve Zammit Lupi** | Sindku |
| | **Joseph Agius** | Viċi-Sindku |
| | **Lilibeth Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Paul Baldacchino** | Kunsillier |
| | **Mario Attard** | Kunsillier |
| | **Paul Mazzola** | Kunsillier |
| | **Aryton Mizzi** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Philip Scicluna** | Kunsillier |
| **Assenti b’Apoloġija** | **Ħadd** | |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Ħadd** | |

**Uffiċjal preżenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Eżekuttiv

**Pubbliku:** Paul Bugeja

13.1 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju 2024

Preżenti għal-laqgħa kien hawn l-awditur Paul Bugeja sabiex jispjega fi stadju ta' kumitat ir-rapport finanzjarju. Is-Sindku Steve Zammit Lupi qal li dan ir-rapport approvat irid jintbagħat lill-awditur ġenerali sa nofsillejl ta' l-istess jum u li l-istess draft tar-rapport wasal l-ufficju tal-Kunsill fil-25 ta' Frar lejn nofsinhar. Intbagħat dan ir-rapport lill-Kunsilliera mmedjatament mal-aġenda għal-laqgħa b'urġenza fl-istess jum tat-Tlieta, liema laqgħa b'urġenza ssejħet proprju għall-Ġimgħa 28 ta' Frar 2025.

Waqt id-diskussjoni intqal li r-rapport ma setax jkun mistħarreġ b'reqqa għaliex ma kienx hemm biżżejjed biex isir dan.

Wara diskussjoni fi stadju ta' kumitat fejn il-kunsilliera ngħataw l-opportunita biex jressqu l-mistoqsijiet tagħhom, is-Sindku Steve Zammit Lupi ppropona li dan ir-rapport ikun approvat kif preżentat. Huwa kien sekondat mill-Kunsilliera Dr. Elizabeth Zammit Lupi u wara ittieħed vot

Dawk favur: Is-Sindku Steve Zammit Lupi u l-Kunsilliera Elizabeth Zammit Lupi
Dawk kontra: Il-Viċi-Sindku Joseph Agius u l-Kunsilliera Ayrton Mizzi, Philip Scicluna, Paul Baldacchino, George Cortis, Dr. Paul Mazzola u Mario Attard

Il-vot ma ġiex approvat. Fid-dawl ta' dan il-vot, is-Sindku Zammit Lupi ħeġġeġ lil-Kunsilliera sabiex iressqu l-mistoqsijiet tagħhom sat- Tlieta 25 ta' Frar, sabiex f'laqgħa oħra fis-27 ta' Frar 2025, jerġa jiġi l-Awditur Paul Bugeja u jirrispondi jekk ikun hemm xi mistoqsijiet.

12.8 Aġġornament

Il-laqgħa kienet aġġornata għas-27 ta'Frar 2025 fis-7pm. Din il-laqgħa spiċċat fid-9:05pm.

**Steve Zammit Lupi**

**Sindku**

**Paula M. Valletta**

**Segretarju Eżekuttiv**